IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.1.2023
COM(2023) 34 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċi tal-kost lavorattiv (IKL)

I. INTRODUZZJONI

L-indiċi tal-kost lavorattiv (IKL) ikejjel il-bidliet trimestrali fit-total tal-kostijiet lavorattivi ta' kull siegħa mġarrba mill-impjegaturi, u b'hekk ikun possibbli li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi fil-pressjoni tal-kost li jirriżultaw mill-fattur ta' produzzjoni "xogħol". L-IKL jappartjeni għall-familja ta' indikaturi ekonomiċi Ewropej / indikaturi tal-euro ewlenin[1], li jipprovdu informazzjoni dwar l-iżviluppi ekonomiċi fiż-żona tal-euro.

L-IKL jintuża b'mod partikolari mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali biex tiġi vvalutata l-pressjoni inflazzjonarja possibbli kkawżata mill-iżviluppi fis-suq tax-xogħol. Huwa importanti wkoll għas-sħab soċjali involuti f'negozjati dwar il-pagi u għall-Kummissjoni Ewropea nnifisha biex timmonitorja l-iżviluppi fil-kostijiet lavorattivi fuq medda qasira ta' żmien. Fl-aħħar nett, id-*data* tal-IKL tintuża għall-indiċjar tal-prezzijiet f'xi kuntratti kummerċjali kbar li jkopru bosta snin.

Fuq is-sit web tiegħu, il-Eurostat jippubblika stqarrija għall-istampa trimestrali dwar l-IKL[2], li tinkludi sett kbir ta' *data* mqassam skont l-attività ekonomika u skont il-komponenti tal-kostijiet lavorattivi (kostijiet relatati mal-pagi u kostijiet mhux relatati mal-pagi). Is-sit web jinkludi wkoll rati ta' tkabbir trimestru wara trimestru u sena wara sena.

Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol[3] (ir-"Regolament IKL") jistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jipproduċu indiċijiet komparabbli u jipprovduhom lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 450/2003 jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn. L-għan tar-rapport huwa li jivvaluta l-kwalità tal-istatistika pprovduta mill-Istati Membri u tal-aggregati tal-UE, u li jidentifika oqsma fejn jista' jsir titjib.

Dan huwa d-disa' rapport tal-IKL tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill[4]. Huwa jenfasizza fuq id-*data* tal-IKL riċevuta sa mill-edizzjoni preċedenti, għat-trimestri ta' referenza li jvarjaw mit-tieni trimestru tal-2020 (2020Q2) sal-ewwel trimestru tal-2022 (2022Q1). Dan jirrifletti l-osservazzjonijiet li għamel il-Eurostat meta tingħabar u tiġi vvalutata d-*data* tal-IKL għal dawn it-trimestri ta' referenza u jibni fuq id-dokumentazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali tal-kwalità tagħhom.

Din l-edizzjoni ma tkoprix id-*data* tal-IKL mir-Renju Unit peress li dan il-pajjiż ħareġ mill-UE fl-1 ta' Frar 2020 u waqaf jittrażmetti d-*data* tal-IKL mill-ewwel trimestru tal-2020 'il quddiem.

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika taż-żona tal-euro *Lejn metodoloġiji mtejba għall-istatistika u l-indikaturi taż-żona tal-euro* (COM(2002) 661 final).

2 L-istqarrija għall-istampa trimestrali tiġi ppubblikata fid-dati stipulati fil-kalendarju tal-pubblikazzjoni; it-tnejn jinsabu fuq is-sit web tal-Eurostat (http://ec.europa.eu/eurostat/web/main – disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

3 ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1.

4 Ara r-rapport preċedenti (COM(2020) 819 final tat-22.12.2020).

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1216/2003[5], il-kwalità tal-IKL hija ddefinita bl-użu tal-kriterji li ġejjin: ir-rilevanza, l-akkuratezza, il-puntwalità tat-twassil tad-*data*, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà, il-koerenza u l-kompletezza. Peress li l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza tqiesu sodisfaċenti fir-rapport preċedenti tal-IKL, l-enfasi f'dan ir-rapport hija fuq ir-rilevanza, il-kompletezza, il-puntwalità, l-akkuratezza, il-komparabbiltà u l-koerenza.

F'din l-edizzjoni, aħna nirrapportaw ukoll dwar l-impatt ewlieni tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-ġbir tad-*data* tal-IKL.

II. PROGRESS ĠENERALI MILL-AĦĦAR RAPPORT

Mill-aspett leġiżlattiv, ma sar l-ebda tibdil mir-rapport preċedenti. Il-paragrafi li jmiss jispjegaw it-titjib li sar fil-produzzjoni tar-rapport.

2.1 Standards għall-ġbir tad-*data*

L-aktar verżjoni reċenti tal-istrutturi tad-*data* tal-Iskambju tad-*Data* u tal-Metadata Statistika (SDMX)[6] u l-listi tal-kodiċijiet miftiehma internazzjonalment (disponibbli online permezz ta' reġistru apposta[7]) għadha qed tintuża b'suċċess biex tirċievi d-*data* tal-Istati Membri u tipproduċi l-IKL iżda anke biex tittrażmetti d-*data* tal-IKL lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Għad-*data* (flash u finali) mit-tielet trimestru tal-2021 'il quddiem, l-Istati Membri bdew jużaw verżjoni aġġornata (2.3) tad-definizzjoni tal-istruttura tad-*data* tal-SDMX, li tinkorpora l-aktar bidliet reċenti miftiehma fil-livell internazzjonali.

2.2 Validazzjoni tad-*data*

Id-*data* ġiet ivvalidata sistematikament permezz ta' għodda ġdida, li tivverifika jekk il-kodiċijiet u l-istrutturi tad-*data* użati jissodisfawx l-istandards miftiehma għat-trażmissjonijiet tad-*data* (SDMX). Dan jissimplifika l-proċess tal-produzzjoni u jnaqqas ir-riskju ta' żbalji li jirriżultaw minn difetti fil-kodifikazzjoni. Meta l-fajl trażmess ma jissodisfax l-istandards tal-SDMX fis-seħħ, dan jiġi miċħud awtomatikament. L-Istati Membri jirċievu notifika ta' suċċess / ta' falliment permezz tal-posta elettronika u jistgħu jaċċessaw ir-rapport ta' validazzjoni permezz ta' servizz tal-web.

Mill-aħħar rapport 'il hawn, il-Eurostat adatta l-proċess tal-produzzjoni biex ikun possibbli li jiġu pproċessati t-tipi kollha ta' formati tal-SDMX, kemm jekk huma kompatti kif ukoll jekk huma ġeneriċi.

Barra minn hekk, il-Eurostat iwettaq kontrolli tal-kredibbiltà fuq kull trażmissjoni trimestrali billi jqabbel id-*data* maż-żmien u tul l-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (NACE

[5] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1216/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol.

[6] http://sdmx.org/ (disponibbli bl-Ingliż biss).

[7] https://webgate.ec.europa.eu/sdmxregistry/ (disponibbli bl-Ingliż biss).

Rev. 2). Jekk ikun hemm bidliet sinifikanti trimestru wara trimestru, il-Eurostat jitlob lill-Istati Membri jikkonfermaw id-*data* jew jittrażmettu fajl tad-*data* kkoreġut. Jekk jiġu identifikati reviżjonijiet kbar jew bidliet f'daqqa, fi kwalunkwe taqsima partikolari tan-NACE, dawn jiġu segwiti sistematikament mal-pajjiżi kkonċernati.

2.3 Livelli tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa

Il-Eurostat kompla jippubblika b'suċċess l-istimi annwali tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa skont it-Taqsima tan-NACE Rev. 2, mill-ewwel pubblikazzjoni maħruġa f'April 2016. Dawn l-istimi huma bbażati fuq il-livelli miksuba mill-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv ta' kull 4 snin, li huma estrapolati bl-indiċijiet tal-kost lavorattiv. Dawn jiġu prodotti 3 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza u jkopru t-taqsimiet kollha tan-NACE, bl-eċċezzjoni tat-taqsima "L" tan-NACE Rev. 2 (attivitajiet ta' proprjetà immobbli).

2.4 Rapporti dwar il-kwalità

Ir-rapporti dwar il-kwalità ppreżentati mill-Istati Membri ġew ipproċessati fil-ħin bl-użu tal-aktar verżjoni reċenti tal-Ġestur tal-Metadata tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u saru disponibbli għall-utenti kollha[8].

2.5 Aġġustamenti staġunali u kalendarji

Il-Eurostat analizza s-serje aġġustata staġjonalment (SA) u skont il-kalendarju (CA) trażmessa mill-Istati Membri, u ppreżenta tqabbil bejn il-pajjiżi lill-grupp ta' esperti tiegħu dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol f'Ottubru 2021.

Il-Eurostat tejjeb ukoll l-anness ta' aġġustament staġunali mehmuż mar-rapporti nazzjonali dwar il-kwalità. B'mod partikolari, dan l-anness jagħti dettalji dwar il-mudelli ta' aġġustament staġunali użati, l-outliers identifikati, id-daqs tal-aġġustamenti, u l-volatilità tar-riżultati.

Il-Eurostat jippubblika d-*data* SA għall-aggregati tal-UE fil-bażi tad-*data* u fl-artikolu Statistics Explained dwar l-IKL, flimkien ma' *data* mhux aġġustata staġjonalment (NSA). Ir-riżultati SA għat-totali issa qed jiġu derivati mid-*data* SA għall-komponenti relatati mal-pagi u dawk mhux relatati mal-pagi u b'hekk tiġi żgurata l-konsistenza.

III. KWALITÀ TAD-*DATA*

3.1 Rilevanza u kompletezza

Rilevanza

Id-domanda tal-utent kompliet mhux biss għal informazzjoni dwar it-tibdil perċentwali trimestrali fil-kostijiet lavorattivi, kif imkejla mill-IKL, iżda wkoll, dejjem aktar, għal

[8] https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/lci_esqrs.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

informazzjoni dwar il-kostijiet lavorattivi f'termini assoluti (euro fis-siegħa). F'April ta' kull sena, il-Eurostat kompla jippubblika stimi tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa f'euro u f'muniti nazzjonali (livelli tal-kost lavorattiv) b'diżaggregazzjoni skont in-NACE Rev. 2. Ġew inklużi r-rata ta' tkabbir annwali tal-livelli tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa u s-sehem tal-kostijiet mhux relatati mal-pagi fit-total tal-kostijiet lavorattivi[9]. Ir-rispons li wasal dwar il-pubblikazzjoni ta' dawn l-istimi huwa wieħed pożittiv, u l-Eurostat se jkompli jipproduċi l-kostijiet lavorattivi annwali bid-diżaggregazzjoni skont in-NACE Rev. 2.

Kompletezza

Din il-parti tirrieżamina jekk id-*data* u l-metadata tal-IKL trażmessi jissodisfawx ir-rekwiżiti legali f'termini ta' kompletezza. Il-kummenti jirreferu għall-indiċijiet, il-piżijiet u r-rapporti dwar il-kwalità.

a) Indiċijiet

B'mod ġenerali, id-disponibbiltà u l-kompletezza tal-IKL kienu sodisfaċenti matul il-perjodu kollu ta' referenza. Il-Eurostat irċieva *data* CA kif ukoll *data* CA u SA mill-Istati Membri kollha għat-trimestri kollha ħlief f'żewġ każijiet (il-Greċja għar-raba' trimestru tal-2020 u għat-tieni trimestru tal-2021). L-Istati Membri pprovdew ukoll *data* NSA, minbarra d-Danimarka u l-Iżvezja, li ngħataw derogi[10].

Fir-rigward ta' pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)[11], kemm l-Iżlanda kif ukoll in-Norveġja bagħtu *data* tal-IKL għat-trimestri kollha tal-perjodu ta' referenza. L-Iżlanda bħalissa tipprovdi biss serje CA kif ukoll CA u SA, filwaqt li n-Norveġja tittrażmetti biss *data* CA.

Minkejja l-kopertura mtejba tad-*data* SA, iċ-ċifri primarji għadhom ibbażati fuq il-bidliet sena wara sena (Q/Q-4) fid-*data* CA, li juru volatilità aktar baxxa. Madankollu, id-*data* kollha, inklużi l-istimi SA, hija disponibbli fuq il-paġna rilevanti[12] tal-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Il-pajjiżi kollha koprew it-taqsimiet kollha tan-NACE, filwaqt li qiesu d-derogi ta' hawn fuq.

b) Piżijiet

Skont ir-Regolament IKL, l-Istati Membri u pajjiżi oħra taż-ŻEE huma mistennija jittrażmettu l-kostijiet lavorattivi annwali għall-komponenti relatati mal-pagi / mhux relatati mal-pagi ta' kull taqsima tan-NACE (il-"piżijiet") kull sena. Iż-żamma aġġornata ta' din id-*data* hija importanti peress li taffettwa l-kalkolu tal-Eurostat tal-aggregati tan-NACE u d-derivazzjoni tat-totali mill-komponenti relatati mal-pagi u dawk mhux relatati mal-pagi.

---

9 Ara s-sett tad-*data lc_lci_lev* fil-bażi tad-*data* għat-tixrid tal-informazzjoni tal-Eurostat (https://ec.europa.eu/eurostat/data/database, disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

10 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1216/2003, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u l-Iżvezja ma humiex obbligati li jipprovdu *data* NSA. Il-Ġermanja u Franza jipprovduha xorta waħda.

11 Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 ma japplikax għal-Liechtenstein.

12 https://ec.europa.eu/eurostat/data/database

Sat-30 ta' Ġunju 2022, l-Istati Membri kollha u pajjiżi oħra taż-ŻEE kienu ttrażmettew il-piżijiet għas-sena ta' referenza 2020. Il-piżijiet għas-sena ta' referenza 2021 kienu disponibbli wkoll ħlief għaċ-Ċekja, il-Kroazja, l-Irlanda u n-Netherlands.

c) Rapporti dwar il-kwalità

L-Istati Membri kollha minbarra l-Kroazja pprovdew rapporti nazzjonali dwar il-kwalità għas-sena ta' referenza 2020. Dawn ir-rapporti ġew ivvalidati u ppubblikati fuq il-paġna web korrispondenti tal-Eurostat[13].

3.2 Puntwalità

Skont ir-Regolament IKL, l-Istati Membri u pajjiżi oħra taż-ŻEE jeħtiġilhom jipprovdu indiċijiet tal-kost lavorattiv fi żmien 70 jum wara t-trimestru ta' referenza.

Mir-rapport preċedenti 'l hawn, disa' pajjiżi qabżu l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* tagħhom:

- in-Netherlands (id-*data* tal-ewwel trimestru tal-2021 ġiet riċevuta jum kalendarju wieħed wara l-iskadenza);
- l-Irlanda (id-*data* tal-ewwel trimestru tal-2021 u tal-ewwel trimestru tal-2022 ġiet riċevuta erbat ijiem kalendarji wara l-iskadenza);
- id-Danimarka (id-*data* tat-tieni trimestru tal-2021 u tal-ewwel trimestru tal-2022 ġiet riċevuta jum kalendarju wieħed wara l-iskadenza);
- l-Ungerija (id-*data* tat-tieni trimestru tal-2021 ġiet riċevuta jum kalendarju wieħed wara l-iskadenza);
- Franza (id-*data* tat-tieni trimestru tal-2021 u tat-tielet trimestru tal-2021 ġiet riċevuta jum kalendarju wieħed wara l-iskadenza, filwaqt li d-*data* tar-raba' trimestru tal-2021 ġiet riċevuta tlett ijiem kalendarji wara l-iskadenza);
- il-Finlandja (id-*data* tat-tielet trimestru tal-2021 ġiet riċevuta jum kalendarju wieħed wara l-iskadenza);
- il-Latvja (id-*data* tat-tieni trimestru tal-2021 ġiet riċevuta jumejn kalendarji wara l-iskadenza);
- il-Kroazja (id-*data* tat-tieni trimestru tal-2021 ġiet riċevuta jumejn kalendarji wara l-iskadenza); u

[13] https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/lci_esqrs.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

- il-Greċja (id-*data* tat-tielet trimestru tal-2021 ġiet riċevuta erbat ijiem kalendarji wara l-iskadenza u d-*data* tar-raba' trimestru tal-2021 ġiet riċevuta tlett ijiem kalendarji wara l-iskadenza).


Fir-rigward ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE, kemm in-Norveġja, kif ukoll l-Iżlanda ttrażmettew *data* tal-IKL fil-ħin.

3.3 Akkuratezza

L-IKL huwa magħmul minn għadd ta' varjabbli differenti (pereżempju l-kostijiet lavorattivi u s-sigħat maħduma), li jistgħu jittieħdu minn diversi sorsi. Dan ifisser li jistgħu jseħħu reviżjonijiet fi kwalunkwe ħin, li jaffettwaw l-aħħar trimestru, diversi trimestri jew snin sħaħ. Jekk l-aġġustamenti jkunu relatati mas-sena ta' referenza, is-serje kollha tkun trid tiġi riveduta. Ir-reviżjonijiet taċ-ċifra ewlenija tal-UE (rata ta' tkabbir sena wara sena) qatt ma qabżu 0,2 punti perċentwali (pp) (ara l-Illustrazzjoni 1). Ir-reviżjonijiet kienu dovuti għall-kriżi tal-COVID-19 u l-miżuri ta' appoġġ tal-gvern ġew irrapportati l-aktar fil-komponenti tal-IKL mhux relatati mal-pagi.

Illustrazzjoni 1: Bidliet fir-rata ta' tkabbir annwali bejn l-ewwel u l-aħħar pubblikazzjonijiet tal-IKL

(EU-27, aggregat tat-Taqsimiet B sa S tan-NACE Rev. 2, total tal-kostijiet lavorattivi, f'pp, [2020Q1 sa 2022Q1])



Sors:
- Għad-*data* finali: sett tad-*data* tal-Eurostat lc_lci_r2_q [varjabbli: "Kost lavorattiv għall-IKL (kumpens lill-impjegati bl-addizzjoni tat-taxxi u t-tnaqqis tas-sussidji)"].
- Għall-ewwel stimi: bażi tad-*data* tal-produzzjoni tal-Eurostat.

Id-*data* ġiet estratta fl-24.6.2022.

3.4 KOERENZA u komparabbiltà

Koerenza maċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali

Wieħed mill-oqsma li jibqa' jirċievi attenzjoni huwa l-koerenza tal-IKL ma' statistika oħra dwar il-kostijiet lavorattivi, b'mod partikolari mad-*data* tal-kontijiet nazzjonali trimestrali.

Fir-rapport annwali dwar il-kwalità, l-Istati Membri jintalbu jqabblu r-rata tat-tkabbir tal-IKL ma' dik tal-kumpens fis-siegħa lill-impjegati li jinsab fil-kontijiet nazzjonali (definizzjoni tal-ESA 2010[14]). Is-settijiet tad-*data* ma humiex mistennija jaqblu perfettament: anke jekk jintużaw definizzjonijiet kważi identiċi tal-kost lavorattiv, is-sorsi tal-istatistika u t-trattamenti jistgħu jvarjaw. Barra minn hekk, il-ġbir tad-*data* dwar is-sigħat maħduma huwa partikolarment diffiċli kemm għall-IKL kif ukoll għall-kontijiet nazzjonali. Minkejja dawn id-differenzi fil-metodoloġija, huwa utli li jiġi analizzat il-livell ta' diskrepanzi bejn iż-żewġ


[14] Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

sorsi. Meta l-livelli jkunu ogħla minn limitu relattiv partikolari, dan jista' jindika kwistjonijiet ta' kwalità f'wieħed mis-settijiet tad-*data*.

Għall-valutazzjoni tal-kwalità, il-Eurostat kompla jissorvelja l-aggregati tat-Taqsimiet B sa S tan-NACE Rev. 2 ta' kull Stat Membru. Għal dan it-tqabbil, intużat *data* NSA tal-IKL, ħlief għad-Danimarka u għall-Iżvezja li għalihom kienet disponibbli *data* CA. Ir-rata medjana ta' tkabbir annwali tal-IKL tqabblet ma' dik tal-kumpens fis-siegħa lill-impjegati, fuq tmien trimestri, u l-varjazzjonijiet ta' aktar minn żewġ pp tqiesu li jeħtieġu analiżi ulterjuri (ara l-Illustrazzjoni 2).

Illustrazzjoni 2: Ir-rati medjani ta' tkabbir annwali tal-IKL meta mqabbla mal-kumpens fis-siegħa lill-impjegati

(aggregat tat-Taqsimiet B sa S tan-NACE Rev. 2, total tal-kostijiet lavorattivi, perjodu ta' referenza: 2020Q2-2022Q1)*



* Għad-Danimarka u għall-Iżvezja, id-*data* NSA ma kinitx disponibbli fiż-żmien tal-abbozzar; minflok intużat *data* CA.

Sors:

- Għall-kontijiet nazzjonali: settijiet tad-*data* tal-Eurostat *namq_10_a10* [varjabbli: "Kumpens lill-impjegati"] u *namq_10_a10_e* [varjabbli: "Il-kunċett domestiku tal-impjegati, f'eluf ta' sigħat maħduma"].
- Għall-IKL: sett tad-*data* tal-Eurostat *lc_lci_r2_q* [varjabbli: "Kost lavorattiv għall-IKL (kumpens lill-impjegati bl-addizzjoni tat-taxxi u t-tnaqqis tas-sussidji)"].

Id-*data* ġiet estratta fl-24.6.2022.

Il-pajjiżi b'distakk ta' aktar minn 2 pp kienu: Malta (5 pp), iċ-Ċekja (4,4 pp), il-Kroazja (3,1 pp), l-Irlanda (2,8 pp), il-Polonja (2,7 pp) kif ukoll il-Latvja u d-Danimarka (it-tnejn 2,4 pp) (ara l-Illustrazzjoni 2, bil-pajjiżi kklassifikati skont l-ordni dejjem akbar tad-distakk f'valur assolut).

Ir-riżultati tal-analiżi ta' hawn fuq jiġu segwiti mal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* dwar is-sigħat maħduma.

Minbarra l-medjani, il-Eurostat qabbel id-devjazzjoni standard tar-rati ta' tkabbir annwali kemm tas-serje tal-IKL kif ukoll tas-serje tal-kontijiet nazzjonali, bħala indikatur tal-volatilità. Meta mqabbla mal-aħħar rapport, il-volatilità taż-żewġ serje żdiedet sostanzjalment minħabba varjazzjonijiet għoljin fl-għadd ta' sigħat maħduma. Dan kien partikolarment il-każ għall-attivitajiet ekonomiċi l-aktar milquta mill-kriżi tal-COVID-19, jiġifieri t-Taqsimiet I tan-NACE Rev. 2 ("Attivitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' servizzi tal-ikel") u R ("Arti, divertiment u rikreazzjoni").

Komparabbiltà

Il-komparabbiltà bejn il-pajjiżi hija żgurata bid-definizzjonijiet u l-metodoloġija dettaljati inklużi fil-leġiżlazzjoni dwar l-IKL. L-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-UE permezz tas-sorsi tad-*data* disponibbli fuq livell nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tagħhom jużaw jew stħarriġ jew taħlita ta' stħarriġiet u *data* amministrattiva, filwaqt li żewġ Stati Membri jiddependu esklużivament fuq sorsi amministrattivi.

Sabiex tiġi ppubblikata *data* komparabbli dwar l-IKL maż-żmien, huwa importanti li l-effetti kalendarji u staġunali jiġu kkoreġuti. Iċ-ċifri primarji huma aġġustati għall-effetti kalendarji, filwaqt li tiġi paċuta l-istaġjonalità billi jitqabblu l-istess trimestri fuq sentejn konsekuttivi.

Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1216/2003, iċ-ċifri tal-IKL iridu jiġu pprovduti f'forma NSA, CA kif ukoll f'forma CA u SA.

Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 ma jiddikjarax b'mod espliċitu jekk l-aġġustamenti kalendarji u staġunali għandhomx isiru bl-użu tal-approċċ dirett jew indirett. Aġġustament indirett ifisser li s-serje bażiċi jiġu aġġustati u mbagħad jintużaw biex jinħolqu aggregati f'livelli ogħla, filwaqt li aġġustament dirett ifisser li kull serje, inkluż aggregati f'livelli ogħla, tiġi aġġustata b'mod individwali.

Għall-IKL, il-Eurostat jirrakkomanda l-użu tal-approċċ indirett biex jiġu evitati inkonsistenzi bejn it-total tal-kostijiet lavorattivi u l-komponenti.

Il-Eurostat se jwettaq il-verifiki b'mod sistematiku għall-inkonsistenzi bejn ir-rati ta' tkabbir annwali tat-totali u tal-komponenti, u jirrapporta l-inkonsistenzi kollha li jaqbżu 0,1 pp (wara l-ittondjar) lill-pajjiżi kkonċernati. L-IKL totali mbagħad jiġi kkalkulat mill-ġdid abbażi tal-komponenti relatati mal-pagi u dawk mhux relatati mal-pagi (approċċ indirett). Dan l-approċċ armonizzat jiżgura wkoll komparabbiltà mtejba bejn il-pajjiżi.

IV. IMPATT TAL-KRIŻI TAL-COVID-19

4.1 Stħarriġ tal-Istati Membri

F'Marzu 2020, il-Eurostat nieda stħarriġ li jippermetti lill-pajjiżi jirrapportaw il-kwistjonijiet ewlenin li kienu ffaċċaw fil-ġbir tad-*data* tal-IKL mill-bidu tal-pandemija. L-aktar kwistjoni frekwenti rrapportata fl-istħarriġ tal-UE, kif ukoll fil-fajls tal-metadata għall-ewwel trimestru tal-2020 u għat-tieni trimestru tal-2020, kienet rata ta' rispons aktar baxxa min-negozji mistħarrġa minħabba l-għeluq temporanju tan-negozji u arranġamenti ġodda ta' xogħol (xogħol b'ħinijiet iqsar, telexogħol, eċċ.).

4.2 Gwida u rapportar metodoloġiċi

Sabiex tiġi żgurata reġistrazzjoni armonizzata tal-miżuri tal-COVID-19 fl-istatistika dwar il-kost lavorattiv, b'mod partikolari fl-IKL trimestrali, f'April 2020, il-Eurostat ippubblika nota ta' gwida dwar ir-reġistrazzjoni tal-iskemi tal-gvern relatati mal-kriżi tal-COVID-19 fl-istatistika dwar il-kost lavorattiv[15].

Il-miżuri ta' appoġġ introdotti mill-gvernijiet tal-UE varjaw fl-ambitu, fl-intensità u fil-perjodu ta' żmien, skont kif il-pandemija tal-COVID-19 affettwat kull ekonomija nazzjonali. Biex jgħin lill-utenti janalizzaw l-iżviluppi fl-IKL matul il-pandemija, il-Eurostat ġabar informazzjoni dwar l-iskemi ewlenin b'impatt fuq l-istatistika dwar il-kost lavorattiv. Dan sar f'kooperazzjoni sħiħa mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, u r-riżultati żdiedu mal-metadata tal-IKL fil-bażi tad-*data* għat-tixrid tal-informazzjoni tal-Eurostat[16].

4.3 Impatt fuq id-*data* tal-IKL

Minkejja l-ostakli kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, l-Istati Membri rnexxielhom jipprovdu d-*data* tal-ewwel trimestru tal-2020 fil-ħin. Fit-tieni trimestru tal-2020, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rreġistraw żidiet kbar sena wara sena fil-komponent tal-IKL relatat mal-pagi. Dan kien ikkawżat minn tnaqqis fl-għadd ta' sigħat maħduma filwaqt li l-pagi ġeneralment ġew ippreżervati. Min-naħa l-oħra, il-komponent mhux relatat mal-pagi naqas, li jirrifletti sussidji ogħla (irreġistrati b'sinjal negattiv) imħallsa mill-gvernijiet biex jikkumpensaw lid-ditti biex jillimitaw it-tnaqqis fil-pagi. Madankollu, dan mhux dejjem kien il-każ, peress li xi gvernijiet tal-UE għażlu li jħallsu s-sussidji direttament lill-impjegati, f'liema każ ma kinux irreġistrati fl-istatistika dwar il-pagi.

15 https://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/10693286/Labour-costs_Guidance_note.pdf

16 Indiċi tal-kost lavorattiv (IKL) (europa.eu), punt 15.2.

V. KONKLUŻJONIJIET

B'mod ġenerali, il-kwalità tal-indiċijiet tal-kost lavorattiv tal-Istati Membri u tal-aggregati tal-UE baqgħet tajba, minkejja l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19. B'mod partikolari, l-aggregati tal-UE rreġistraw reviżjonijiet baxxi, kif kien il-każ qabel il-kriżi. Il-Eurostat ippubblika wkoll nota ta' gwida dettaljata biex tiġi ppreżervata l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi matul il-perjodu ta' referenza.

Ir-rapporti dwar il-kwalità tal-Istati Membri ġew ipproċessati bl-użu tal-aktar verżjoni reċenti tal-Ġestur tal-Metadata tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u saru disponibbli għall-utenti kollha. Il-Eurostat żied anness komprensiv dwar il-prattiki u r-riżultati tal-aġġustament staġunali madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri rrapportaw dwar l-iskemi ewlenin introdotti mill-gvernijiet tagħhom biex jissussidjaw il-kostijiet lavorattivi matul il-kriżi tal-COVID-19. Din l-informazzjoni żdiedet mal-metadata ta' referenza dwar il-kwalità.

Il-Eurostat ilu sa mill-2017 jippubblika stimi annwali tal-livelli tal-kost lavorattiv fis-siegħa skont it-taqsimiet tan-NACE Rev. 2, ibbażati kemm fuq il-livelli tal-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv kif ukoll fuq ix-xejriet tal-IKL. L-artikoli relatati *Statistics Explained* irreġistraw għadd kbir ta' hits, li jikkonferma l-interess tal-utenti.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità u l-kwalità tad-*data* fuq bażi regolari, bl-użu tad-*data* pprovduta u ta' dokumentazzjoni nazzjonali oħra, inkluż ir-rapporti dwar il-kwalità.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, il-Eurostat wettaq ukoll rieżami ġenerali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji. Dan ir-rieżami għandu l-għan li jevalwa u jimmodernizza l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE fil-qasam tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji.

Fir-rigward tal-IKL, il-Eurostat jipprevedi li jipproponi t-titjib li ġej:

- il-ġbir ta' stima rapida tal-IKL f't+45 jum, mill-pajjiżi l-kbar tal-UE, bil-għan li jiġu ppubblikati t-totali taż-żona tal-euro u tal-UE f'madwar t+50 jum;
- il-ġbir tad-*data* finali tal-IKL f't+65 jum minflok t+70 jum, bil-għan li jiġu ppubblikati r-riżultati f't+72 jum, għall-kuntrarju ta' t+77 jum attwali; u
- l-introduzzjoni ta' miri ta' preċiżjoni għall-komponent relatat mal-pagi tal-IKL.